Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,624, 5 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 143 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR Il-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet għal Liċenzi rigward Postijiet Mediċi Privati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 89, 96 u 98 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet għal Liċenzi rigward Postijiet Mediċi Privati.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Ġbir ta' dritt għal liċenza.

2. Għandu jitħallas lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, dwar il-Ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenza murija taħt il-Kolonna 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-dritt muri taħt il-Kolonna 2 ta' l-istess Skeda.

Liċenzi oħra, eċċ.

3. Ebda liċenza maħruġa skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandha titqies li teħles mill-ħtieġa ta' xi liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra imposti b'xi dispożizzjoni oħra ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ta' xi regolamenti jew ta' xi liġi oħra li jkunu f'dak iż-żmien fis-seħħ.

SKEDA

(Regolament 2)

Drittijiet għal Liċenza

Kolonna 1 *Tip*	*Kolonna 2* *Dritt*
Klinika għal matul il-Jum	Lm100
Klinika għal matul il-Jum b'estensjoni għal matul il-Lejl	Lm200
Sptar	Lm200
Laboratorju Mediku	Lm50
Klinika tal-Fisjoterapija	Lm50
Klinika tal-Podoloġija	Lm25
Klinika Veterinarja	Lm100
Klinika ta' Dentist	Lm100
Spiżerija	Lm25.